# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 39

**Il-Ħamis, 8 ta' Lulju, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku (ċerman) |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier (onlajn) |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | Perit Carmel Cacopardo (mistieden) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sur Jordy Brincat – Deputat, Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi Sindku,  ippresjeda.

## Minuti

## 39.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

39.01.01 NIL

Il-kunsillier (DP) għarfet lis-SE li ser tkun qed tasal ftit tard. (DP) ingħaqdet fis-sitta ta' filgħaxija, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

## 39.02 Approvazzjoni tal-Minuti (38)

39.02.01 Inġibdet l-attenzjoni minn (AC), li f' para 38.10.01, huwa kemm staqsa lil kunsillier (SZ), fuq il-lampa fi Triq il-Giligejla, filwaqt li kien (SZ) li ressaq it-talba sabiex l-istess triq, issir *for residence only or to render a service.*

Prop: (JBD) Sek: (SZ)

## 39.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

39.03.01 (SE) ippreżentat kopja tal-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Il-Kunsill ma sab l-ebda diffikultà u approva kemm l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll tal-petty cash.

Prop: (SZ) Sek: (AC)

## 39.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

39.04.01 (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

1. Kwotazzjoni għal xiri ta' letterheads u stickers – il-Kunsill qabel li għanda tinġib kwotazzjoni oħra.
2. Kwotazzjoni għal xiri ta' ashtrays tal-injam, magħmula tailor made – approvata mill-Kunsill
3. Kwotazzjoni tas-servizz tal-accountant, minħabba li d-direct order tiskadi f' dan ix-xahar – approvata mill-kunsill.

## 39.05 Korrispondenza

39.05.01 Talba minn persuna li tarma bit-trampoline, fuq il-Bajja s-Sabiħa – Il-Kunsill approva din it-talba.

39.05.02 Default notice maħruġa mill-maniġer tal-kuntratti, lil kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill qabel li għanda tittieħed deċiżjoni, fuq dan l-aspett.

39.05.03 Collaboration Agreement, min-naħa ta' Parks (Malta), bejn il-Kunsill, fuq Ġnien Indipendenza. Il-kunsill qabel li ser jingħata ċans sal-Ġimgħa, 16 ta' Lulju, sabiex il-kunsilliera jilħqu jaqrawh, imbagħad nipproċedu.

## 39.06 Ittra ta' pożizzjoni fuq il-Planning Gain, (Malta Freeport)

39.06.01 Għal din is-sezzjoni kien mistieden il-Perit Carmel Cacopardo, fejn ta deskrizzjoni marbuta ma' dan il-Planning Gain. Il-Perit stqarr li kull fejn hemm applikazzjoni tal-ippjannar, li tinvolvi settur importanti għall-ekonomija, jeżisti obbligu fil-liġi, li meta jkun hemm appell, il-kabinet, jista' jiddeċiedi. Fuq il-lokalità ta' Birżebbuġa, jidher li hemm tliet każijiet, li jammontaw 'l fuq minn €2,000.000.

- L-ewwel każ marbut mad-dredging – il-kabinet kien uża l-Power of Recall, b' rekomandazzjoni li Freeport irrid iħallas is-somma ta' €741,028.00. Lura fl-2012, il-kabinet kien qal li ser jagħmel iż-żewġ grounds.
- It-tieni każ marbut mas-somma ta' €955,000.00 li l-kabinet ma jistax jidħol, iżda qiegħed f'idejn it-tribunal.
- It-tielet każ marbut mal-applikazzjoni tal-krejnijiet, li tlaħħaq is-somma ta' €477,000.00, tinsab fuq appell.

Fuq telefonata mis-CEO lil ex Sindku, kien qallu li kien hemm istruzzjonijiet, biex tingħata għajnuna lil Birżebbuġa. Madankollu, fl-ittra datata 2 ta' Ġunju, 2021, indirizzata lis-Sindku, is-CEO stqarr li l-lokalità ta' Birżebbuġa, ħadet biżżejjed. Il-Perit issuġġerixxa li fuq l-appell, il-Kunsill m'għandux jirtira, għaliex qiegħed f' idejn il-Freeport. Għaldaqstant, il-Perit ser ikun qiegħed jidraftja ittra, sabiex tiġi mibgħuta mill-Kunsill.

39.06.02 Il-kunsill qabel mal-Perit, fuq l-ittra, filwaqt li (AC) stqarr li żgur mhux aċċettabbli li ħaddieħor, jiddeċiedi għalina (Freeport).

## 39.07 Mozzjonijiet/ Rakkomandazzjonijiet

NIL

## 39.08 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.08.01 Is-Sindku wera l-fehma li meta tinqata' bozza, il-Kunsill għandu jgħaddiha dirett lil kuntrattur, u mhux jirreferiha lil Enemalta.

39.08.02 Is-Sindku ressaq talba tar-residenti li joqogħdu fi Triq Zaren Dalli, sabiex it-triq, kull nhar ta' Ħamis, meta jarma l-Monti, tibda tingħalaq fis-0600. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jitwaħħlu stickers fuq in-numru tlieta (06.30), ta' fuq it-tabelli.

39.08.03 Is-Sindku tkellem ukoll fuq bejjiegħ tal-ġelat li jarma fil-Bajja s-Sabiħa, fejn allega li l-Kunsill ma tahx permess. (SE) wieġbet li dan l-istess bejjiegħ, kien il-bejjiegħ li ġejna nnotifikati mill-Perit li saħansitra, anke l-Awtorità tal-Ippjanar, ma laqgħetx l-appell. Bejjiegħ irrid ikollu l-permessi tal-Lands, Planning Authority u l-MTA. (CS) staqsa kif hemm bejjiegħ li qiegħed jinżel bil-vann fuq il-bajja, ibiegħ il-ġelat. (SE) wieġbet li kien il-Kunsill stess li approvalu dan il-permess. (SZ) ikwota r-refused permission tal-appell (51/2018), filwaqt li kompla jgħid, li fuq il-promenade, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jagħti jew ma jagħtix. Għaldaqstant, ittieħdet deċiżjoni sabiex dan il-bejjiegħ jippreżenta fil-Kunsill, kopja tal-permessi maħruġa mingħand l-awtoritajiet, u fl-istess waqt iwissih li l-permess ingħatalu għal fixed place u mhux biex joqgħod idur bil-vann.

39.08.04 Is-Sindku tkellem ukoll, kif qiegħed jinnota li l-Bajja s-Sabiħa, qiegħda tiċkien u li hemm bżonn li ssir border.

39.08.05 Is-Sindku qal kif minn informazzjoni, il-barrier tax-xatt, ġiet tiswa kważi €11,000.00. (SE) fakkret kif din il-barrier, kien beda l-proċess normali, billi l-uffiċċju ġab tliet kwotazzjonijiet u ntgħażlet l-orħos. Madankollu, il-Kunsill baqa' jżid iżjed apparat magħha u laħqet din is-somma.

39.08.06 Is-Sindku preżenta r-riżenja tiegħu, kif ukoll ta l-insinja tiegħu lil viċi Sindku. Huwa rringrazzja lir-residenti u stqarr li din ser tkun l-aħħar seduta tiegħu, bħala Sindku. Madankollu, ser ikun qiegħed iżomm postu bħala kunsillier. Il-Kunsill qabel, li din ir-riżenja għandha ssegwi l-proċedura tagħha, hekk kif titlob il-liġi u għaldaqstant, għanda ssir b' mod uffiċjali.

## 39.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

39.09.01 (SE) fakkret lil kunsilliera fil-Local Government Policy Consultation, li tgħalaq fis-16 ta' Lulju. Il-viċi ssuġġerixxa li għanda tintbagħat sottomissjoni waħda, f' isem il-Kunsill.

39.09.02 (SE) talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex is-somma ta' €26,000.00 li tinsab fiż-Żurrieq account, tiġi trasferita, fis-savings account, tal-Kunsill. Il-Kunsill approva din it-talba.

39.09.03 (SE) aġġornat lil kunsilliera li l-uffiċċju qasam l-ittri relatati mal-humps, f' diversi toroq, kif ukoll li min-nhar is-Sibt li ġej, ser jibda s-servizz ta' parkeġġ b' xejn, ġewwa l-iskola primarja.

## 39.10 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ta' nofs is-sena

33.10.01 Il-Kunsill qabel, li peress li dan ir-rapport wasal ġurnata qabel is-seduta, jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

## 39.11 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

39.11.01 (SZ) għamel updates tal-punti li għaddejjin fil-preżent.

- Rondi ta' sorveljanza provduti mir-Reġjun ta' Nofsinhar – Huwa stqarr li d-deċiżjoni għanda tkun tal-Kunsilliera li għandha d-dekasteru tal-ambjent, u mhux il-kunsilliera kollha, għaliex inkella nispiċċaw b' ħafna suġġerimenti.
- Sleeping policeman – (SZ) għamel lista sħiħa, kif ukoll l-istatus li jistgħu jsiru. Hemm disgħa li jistgħu jsiru mill-kuntrattur. Hemm erbgħa fi Triq it-Torri, zebra tat-Triq il-Qajjenza, Triq tal-Ġebel kantuniera ma' Triq John Grech, Triq San Ġużepp kantuniera ma' Triq Santa Rita, Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq San Ġwann (biswit Triq ir-Raddiena) u Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq. Dawn it-toroq imsemmija, il-Kunsill għandu kollox lest u jistgħu jiġu implementati. Dawn kollha ser issiru bit-tarmak.

Dawn l-isleeping policeman, għadhom fil-proċess ta' konsultazzjoni, jew approvazzjoni:

  - Triq San Tumas – għadna ma applikajniex, iżda l-uffiċċju bagħat l-ittra lir-residenti, għal konsultazzjoni.
  - Triq tal-Ġebel, qabel Triq in-Narċis
  - Triq il-Bajja s-Sabiħa, qabel Triq San Pawl
  - Triq il-Qoton – pendenti mill-Awtorità tat-Trasport
  - Triq il-Port Ħieles, bejn Ħabbriek u Triq il-Kostituzzjoni
  - Bejn Misraħ San Ġorġ Preca u Triq ix-xogħol

39.11.02 Talba minn (MM), sabiex Triq il-Kartaġiniżi ssir One-Way – (SZ) stqarr li iva tista' ssir u għaldaqstant, ippreżenta tliet possibilitajiet, li ser ikun qiegħed iressaqhom waqt is-seduta li jmiss, minħabba l-problema li hemm ta' salib it-toroq.

39.11.03 Talba minn (MM) dwar aktar sorveljanza mill-pulizija u mill-Aġenzija LESA, speċjalment fil-weekend, fi Triq San Patrizju. (SZ) qal li l-Kunsill għandu jressaq it-talba tiegħu.

39.11.04 CCTVs – Triq il-Port Ħieles, kantuniera ma' Triq Dun Ġorġ – saru l-works orders, biex jinġib is-supply

39.11.05 Problema biex toħroġ minn Birżebbuġa – (SZ) spjega kif il-Kunsill bgħatt ħafna ittri, kemm lill-Awtorità tat-Trasport, kif ukoll lil Infrastructure (Malta). L-Awtorità tat-Trasport għandha l-esperti kollha, u għaldaqstant għandhom ikunu hume li joħorġu bis-suġġerimenti.

39.11.06 It-Tender tal-Ġnien tal-Papa – Il-proċess mixi, filwaqt li dalwaqt għandna niltaqgħu darba oħra, sabiex nikkonkluduh.

39.11.07 Il-Pittura tas-Sagra Familja – Intlaħaq ftehim mal-Kurja, kemm niffirmaw l-Acceptance Letter. L-ammont ta' dan il-proċess ma jmurx għal tender, iżda għal kwotazzjoni.

39.11.08 (SZ) ta spjegazzjoni dwar il-meeting li kellu mal-kuntrattur tad-dawl, minħabba l-ispejjeż ta' €38,000.00 marbuta ma' Ġnien Ġużeppi Minuti, ġewwa l-Bajja S-Sabiħa. Skont it-testijiet li saru, jidher li mill-COVID 'l hawn, il-problema tranġat. Aparti t-tliet fanali li fil-preżent jinsabu mitfija, imma hija ħsara normali, inġenerali, it-testijiet żgħar li saru, jidher li għandna idea tal-problema.

39.11.09 (SZ) spjega fuq it-'Timed Parking' – Agħmel l-update tas-sistema, issa sta l-approvazzjoi tal-Awtorità tat-Trasport. (JB) ġibed l-attenzjoni li dan l-eżerċizzju għal xejn, għaliex l-Awtorità hija li waqfet dawn it-tip ta' permessi.

39.11.10 Bozoz Triq il-Brolli u Triq il-Qoton – (AC) ikkonferma li arbli hemm diġà installati u għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jibqa' għaddej bil-proċess.

39.11.11 Tismija tat-Triq il-Port Ħieles – Ġie ssuġġerit li jekk issir l-isem, issir, Triq il-Port Ħieles (1) u (2), jew (North) u (South). Madankollu, għal issa jibqa' kollox kif inhu.

39.11.12 Talba minn (JBD), dwar garaxxijiet fi Triq FM Ferretti. (JBD) qalet li għad hemm il-problema. Il-viċi, stqarr li dan huwa każ ta' infurzar. (JB) spjega kif riċenti saret ir-reviżjoni fil-liġi, fuq min jinqabad jipparkja l-vettura tiegħu, quddiem il-garaxijiet.

39.11.13 Konsultazzjoni mar-residenti tal-Qajjenza – Il-Kunsill irrid niddeċiedu jekk aħniex ser imorru għall-ittri, jew issir laqgħa. TM titlob li ssir konsultazzjoni. Fis-seduta preċidenti tkellimna fuq li mmorru għall-ittra.

39.11.14 Dawl ta' Wied il-Buni – (SZ) spjega kif ġab żewġ kwotazzjonijiet. Waħda li teskludi l-wiring, li tiswa €1,120.00, kull arblu (ħames arbli b' kollox). (JB) oġġezzjona li bozza ma' arblu, taqa' fil-kompitenza tal-Enemalta. (SZ) kompla jispjega li jekk il-Kunsill jagħżel li jmur għal arbli dekorattivi, jiġu €5,500.00, -il wieħed. (SZ) ikkonferma li kemm l-EneMalta, kif ukoll Infrastructure (Malta), mhumiex ser jagħmluhom. Il-Kunsill qabel li mmorru għal tal-orħos, tal-prezz ta' €1,120.00 – il wieħed.

39.11.15 Ġnien Indipendenza – (SZ) fuq l-istess sitwazzjoni tad-dawl, kwotazzjoni fuq l-arbli, simili tal-Ġnien tal-Papa. Hemm hekk hemm spiża akbar, minħabba li jrid jagħdi l-conduit.

39.11.16 Tabelli tal-parkeġġ ta' Wied il-Buni – It-Tabelli kważi lesti. Qed ikun suġġerit mill-Awtorità tat-Trasport, minħabba li bħalissa hemm tnax -il parkeġġ twil. L-Awtorità ssuġġerit li minn tnax, isiru erbgħa u għoxrin. Il-Kunsill, oġġezzjonaw. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment. Il-viċi qara u spjega l-Bye-Law li hemm diġà fis-seħħ, dwar l-izgumbrar.

39.11.17 Il-viċi staqsa x' ser issir fuq il-parking li qed ikun hemm f' Dawret il-Qalb Imqaddsa kollha, u fuq il-blat. (AC) ta spjegazzjoni ta meta ltaqa' mal-uffiċjali ta' TM, dawn qalulu li ma japprovawx. Huma ssuġġerixxu li jsiru double yellow lines, sal-piċċ tal-waterpolo. (JB) issuġġerixxa li jsiru tabelli. (AC) reġa' semma fuq il-problema ta' Triq it-Tankijiet, li hemm bżonn li l-uffiċjali ta' TM, jiġu jispezzjonaw. Għaldaqstant, il-Kunsill ħa d-deċizjoni sabiex Dawret il-Qalb Imqaddsa, mill-monument ta' Bush u Gorbochov, sal-piċċ tal-Waterpolo, ma jsirx ipparkjar. Għaldaqstant, għandna napplikaw ma' TM. (SZ) ser iressaq l-informazzjoni lill-uffiċċju, biex issir it-talba.

39.11.18 (DP) proponiet li ssir zebra crossing, quddiem il-każin tal-Labour. (SZ) ikkonferma li ser issir kemm zebra, kif ukoll sleeping policemen, in-naħa tal-piċċ.

## 39.12 Proġetti u skemi

39.12.01 Il-viċi aġġorna li fetħet l-iskema tal-European Mobility Week. Il-membri diġà rċievu d-dettalji permezz ta' emajl, mill-uffiċċju. Hemm allokat somma sabiħa, u għaldaqstant, talab lil kunsilliera kollha, sabiex jaraw l-emajl u joħorġu bi proposti. L-applikazzjoni tagħlaq fis-6 t' Awwissu.

39.12.02 (AC) aġġorna li għamel lista mal-perita u l-proċess jidher li qabad rittmu tajjeb.

39.12.03 (DP) tkellmet fuq il-ħadid ta' madwar il-bandli, fil-bajja s-sabiħa. Il-viċi wieġeb li kkonferma mas-(SE), fejn l-uffiċċju ġab żewġ kwotazzjonijiet li jaqbżu l-ammont ta' direct order, u għaldaqstant, il-Kunsill ikun irrid joħroġ sejħa għall-offerti. Il-viċi semma kif fis-seduta preċidenti kien issuġġerixxa li jsir fencing tal-injam, li jdawwar il-bandli. Għaldaqstant, il-viċi ssuġġerixxa lil (DP) sabiex tibgħat emajl lill-uffiċċju, biex tintbagħat emajl lil fornituri li jipprovdu servizz relatat mal-bandli, fuq suġġeriment varji li jistgħu joffru għal fencing.

39.12.04 (JBD) reġgħet semmiet dwar il-laqgħa tad-devoluzzjoni tal-art ta' Wied il-Buni, kif ukoll dwar il-laqgħa mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, fuq il-parti tal-Ġnien tal-Papa.

39.12.05 (AC) tkellem fuq il-proġett ta' Wied il-Buni, tal-promenade - Il-problema tal-pompa tal-petrol. Huwa ssuġerixxa biex bil-permess tas-(SE) u tas-Sindku, issir pressjoni sabiex lil sid il-pompa, il-gvern għandu jgħinu u joffrilu post alternattiv. Fil-passat kienet diġà ntbagħtet ittra, u għaldaqstant l-istess ittra għanda tintbagħat lil Onorevoli, Silvio Schembri.

## 39.13 Indafa u ambjent

39.13.01 Ħasil ta' Triq Zaren Dalli – (MM) spjegat li minħabba li l-Cleansing Department ser jibdew jaħslulna darba fil-ġimgħa, il-promenade, mill-Qajjenza sa Wied il-Buni, ġie ssuġġerit sabiex il-handyman tal-Kunsill, jibda jaħsel Triq Zaren Dalli, il-Ġimgħa, l-għada tal-Monti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

39.12.02 (MM) staqsiet lil (SZ) dwar is-CCTV quddiem il-BOV, fil-Bajja s-Sabiħa u l-promenade tal-Qajjenza. (AC) spjega li dawn ikunu jistgħu jitqabdu mad-decoder li hemm mal-barrier il-ġdida, għaliex DVR u internet, diġà hemm. (AC) ser jaħdem fuqa.

39.12.03 (MM) issuġġerit li jsiru tabelli bin-numru tal-bulky refuse tal-Kunsill, abbonati maż-żamma tal-lokalità. Il-viċi ssuġġerilha li tibgħat l-immaġini permezz ta' emajl.

39.12.04 Il-viċi staqsa lil (MM) dwar il-variation fil-kuntratt tal-latrini. (MM) aġġornat li l-Kunsill għadu qed jistenna min-naħa tal-maniġer tal-kuntratti.

39.12.05 (JBD) tkellmet fuq l-ammont ta' telefonati, marbuta mal-latrini, ta' Wied il-Buni.

39.12.06 Il-viċi talab lid-deputat (SE) sabiex iffakkar lil (SE) biex tibgħat reminder lil Clean (Malta), biex tinformahom li l-MoU tal-Kunsill ta' Birżebbuġa, għadu ma wasalx.

39.12.07 (DP) tkellmet dwar il-post li ttella' fuq il-facebook tal-Kunsill, dwar li mhuwiex possibbli l-għum tal-klieb. (MM) tat spjegazzjoni x' tgħid il-liġi fuq il-klieb, fuq il-blat, filwaqt li (SZ) qara x' tgħid il-liġi. Ittieħdet deċiżjoni li jsir ir-re wording, filwaqt li t-tabelli jridu jinqalgħu temporarjament. Iċ-ċermen talab lil (SZ) sabiex jgħaddi l-artwork, għat-tabelli ġodda.

Il-ħin sar it-20.00 u għaldaqstant iċ-ċermen talab għal estenzjoni ta' 30 minuta.

Proponent (AC) - sekondat (JBD). Il-Kunsillier (MM) talbet li tiġi skużata.

## 39.14 Attivitajiet

39.14.01 Il-Kunsillier (JBD) tkellmet fuq Jum Birżebbuġa. Ġie propost li din l-attività ssir fil-Bajja s-Sabiħa. Iċ-ċermen talab lil (JBD) sabiex tressaq il-proposta tagħha, ta x'hemm bżonn li jsir, bħal sound, post fuq il-facebook page live, dawl u set-up, imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi.

## 39.15 Kultura, żgħażagħ u sport

39.15.01 Il-kunsillier (CS) ta aġġornament dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin fil-preżent fil-basketball court, fuq il-ħajt u ż-żebgħa tal-art. (CS) talab lil viċi l-assistenza għal sorveljanza waqt li tkun qed tinxef iż-żebgħa tal-art. Hemm bżonn ukoll l-assistenza tal-ħaddiema fil-komunità, sabiex tinqala' l-pole u tinżebagħ. (CS) tkellem ukoll dwar il-laqgħa li kellu mal-kuntrattur tad-dawl. Huwa ta rendikont li l-aħjar, is-sitt arbli tad-dawl li diġà hemm eżistenti, jinqalgħu minħabba s-sadid li fihom, u minflok, jitwaħħlu żewġ arbli ġodda, li jkollhom erba' fanali kull wieħed. Huwa kompla li l-ħaddiema fil-komunità hemm bżonn li jkissru malajr il-konkos, sabiex ikunu jistgħu jniżżlu l-pajpijiet aktar 'l isfel. Irrid issir ukoll ix-xiri ta' tmien bankijiet bla dahar, kif kien hemm il-Qajjenza.

39.15.02 (CS) tkellem ukoll fuq il-Beach soccer tournament, li qiegħed iseħħ fil-mument, kif ukoll fuq l-Aquathlon, li kienet għada kif għaddiet. (CS) spjega wkoll li 'l quddiem ser isseħħ ir-Rock and Run, b' differenza mis-snin ta' qabel, kif ukoll fuq Trial Night Run, li ser tkun qed tibda minn Ħas-Saptan.

39.15.03 (CS) ta aġġornament li ġejjien diversi attivitajiet, bħal beach handball u beach rugby. Madankollu, skont l-MFA, dawn jistgħu jseħħu biss, jekk il-burdura tibqa' mogħtija għall-ispettaturi.

39.15.04 Il-viċi staqsa lil (CS) fuq il-beach piċċ u l-użu tat-tfal. (CS) issuġġerixxa li hemm area żgħira, forma ta' kaxxa, ħdejn il-piċċ il-kbir, sabiex tfal li jkunu jridu jilgħabu, jistgħu jagħmlu dan, mingħajr ma jxekklu lil min ikun ibbukkja l-piċċ il-kbir. Idealment, din il-biċċa ssir bit-turf. (CS) ser ikompli jaħdem fuq dan il-piċċ żgħir u jżomm lil Kunsill aġġornat.

## 39.16 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

39.16.01 (SZ) tkellem fuq informazzjoni li waslitlu, li wara li saret bankina ġdida fi Triq Mons Penza, xi persuna għamlet xi modifikazzjonijiet biex tgħaddi katusa tal-ilma. Il-pulizija tal-komunità kellmu lil din il-persuna u tawh tmien t'ijiem biex irreġġa l-affarijiet kif kienu.

39.16.02 (AC) tkellem fuq persuna li ħassitha d-diskriminata li l-permess tagħha ngħata biex tibda x-xogħlijiet aktar tard, minn kuntrattur li hemm fil-qrib.

39.16.03 (JB) tkellem u staqsa lil (SZ) fuq l-inċident li seħħ f' Birżebbuġa road, fejn il-persuna li ħabtet qalet lil pulizija li kienet lesta li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Għaldaqstant, (JB) talab lil (SZ) sabiex jipprovdi kwotazzjoni tal-ispejjeż, biex jintbagħatu lil pulizija.

## 39.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

39.17.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li ser ikun qiegħed iressaq emajl, sabiex tinstab data għas-seduta li jmiss. Is-seduta skedata li ssir mill-binja tal-Kunsill, dejjem skont kif ikunu ċ-ċirkostanzi, ta' dak iż-żmien.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | ___________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |